**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 9 ta' Marzu, 2021

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**
**-vs-**
**Louis (Aloysius) Azzopardi, detentur tal-karta ta' l-identita` 443069M**

*Kumpilazzjoni Nru. 310/2020*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi[1] miġjuba fil-konfront tal-imputat **Louis (Aloysius) Azzopardi** u ċioè talli:

Nhar is-27 ta' Jannar, 2020, u fil granet, gimghat u xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmula minnu fi żmienijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Bhala sid, detentur, negozjant jew importatur, destinarju, trasportatur, bejjiegh bl-imnut jew kull persuna ohra awtorizzata taht id-dispozizzjonijiet ta' l-Kap 437 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jiddisponi minn annimali hajjin, prodotti ta' origini mill-annimali, prodotti elenkati fl-Ewwel Skeda, ghalf ta' l-annimali jew prodotti medicinali veterinarji, jew rapprezentant ta' dawk il-persuni, jew min kien inkarigat minn xi attivita veterinarja privata, m'osservax kull obbligazzjoni imposta fuqu taht l-Kap. 437 li ghandha x'taqsam ma' mard li jittiehed, bhala persuna li kellu jiddentifika u jirregistra annimali u jiddikjara caqlieq ta' annimali li kienu taht ir-responsabilita` tieghu u dan bi ksur ta' l-Artikolu 35(1)(c)(iii) tal-Kap. 437 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] Fol.78-79

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, xjentament ghamel uzu minn sigilli, timbri jew marki li qeghdin sabiex jissigillaw, jittimbraw, jawtentikaw, jew jiccertifikaw fl-isem tal-Gvern jew tal-Awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti sew jekk ta' proprjeta` pubblika jew privata, jew li kienu qieghdin taht il-garanzija pubblika u talli minghajr awtorita` legittima kellu fil-pussess tieghu dawn l-oggetti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 172(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll talli nhar it-22 ta' Jannar, 2020, f'dawn il-Gzejjer:

3. Gieghel animal isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(2) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, zamm jew qabel li jzomm annimali minghajr ma kien responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(3) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ma hax dawk il-passi ragonevoli f'kull cirkostanza sabiex jizgura li l-htigijiet ta' annimal li kien responsabbli ghalih, jew li qabel li jiehu hsieb, jintlahqu hekk kif mehtieg bi prattici tajba sabiex tigi zgurata s-sahha u l-benesseri ta' l-annimal, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(4) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-Artikli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez maghmula mis-servizzi veterinarji bhala rizultat ta' dak ir-reat, u dan skond l-Artikolu 58(1) tal-Kap. 437 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Dan il-kaz jittratta bodbod (*goat*) li ttiehed fl-incineratur mhaddem mill-Wasteserve, f'Malta. Hemmhekk wara spezzjonijiet li saru fuq ir-ras tal-annimal irrizulta li dan l-annimal kellu *tags*/comba li jindikaw li kellu xi erba snin u nofs, mentri ir-ras kienet tappartjeni ghall-bodbod ta' madwar sena. Minn investigazzjonijiet tal-Pulizija, li segwew dawk kondotti mid-Direttorat ghar-Regolazzjoni Veterinarja, irrizulta li s-sid tal-annimal kien George Mercieca filwaqt li t-trasportatur kien l-imputat, Louis Azzopardi.

L-**Ispettur Elliot Magro** xehed kif ircieva kwerela[2] mid-Direttorat imsemmi biex jittiehdu proceduri penali fil-konfront ta' dawn iz-zewg individwi talli biddlu t-*tags* fuq dan l-annimal minghajr awtorizazzjoni. It-*tags* fuq l-annimal li ttiehed l-incineratur kienu jindikaw li l-annimal kellu eta` differenti minn l-eta `propja tal-annimal li ddahhal ghall-hruq. Kwerela ohra[3] kontra l-imputat saret ghaliex fit-tragitt il-bodbod miet mghallaq wara li l-imputat rabtu fil-vann.[4]

**Joseph Zammit**, adett mas-servizz veterinarju sezzjoni tal-infurzar, spjega li meta jitwieled annimal lill-rahhal, trid titwahhal *tag* li wara tiddahhal fid-*database* biex id-direttorat ikun mgharraf bid-data tat-twelid tal-annimal.[5] L-iktar li tvarja tkun b'sitt xhur minhabba s-snien. Issa **l-annimal li ttiehed l-incineratur kellu *tag* ta' sena imma l-annimal innifsu kellu kwazi hames snin.** Irrizulta li t-*tag* kienet turi li l-annimal kien ta' rahhal Ghawdxi izda kien l-imputat li ha lill-annimal l-incineratur. Meta tkellem mar-rahhal Ghawdxi dan mill-ewwel qallu li l-unika annimal li kellu kien bieghu lill-imputat biex jinqatel u dan kellu kwazi hames snin.[6] Minn naha tieghu **l-imputat qallu li kien dak l-annimal li xtara minghand Mercieca.**

Dan ifisser li **lil Zammit l-imputat qallu cjar u tond li hu kien xtara annimal minghand Mercieca**. Dan qed jigi sottolinejat in vista tal-fatt li l-abbli difensur tal-imputat fis-sottomissjonijiet orali minn tieghu, jistqarr li fl-atti ma hemm ebda prova li l-annimal verament inxtara minghand Mercieca, ghalkemm hu l-istess Mercieca li jikkonferma dan kif ser jigi muri aktar il-quddiem.

Zammit jissokta jispjega li tali *tags* huma rikjesti sabiex ikun hemm *traceability* habba mard u **kwalunkwe bdil fit-t*ags* irid issir bl-awtorizazzjoni tal-Awtorita`, li f'dan il-kaz ma nghatatx biex isir il-bdil skontrat**.[7] Ikompli:

---

[2] **Dok.EM1** a fol.24-25
[3] **Dok.EM** a fol.22
[4] Fol.19-20
[5] Fol.32
[6] Fol.33
[7] Ibid.

*"**Joseph Zammit:** Dik hija s-sistema bhal ID card ta' persuna, jiena niddeskriviha bhan-nies ghandhom l-Identity Malta, l-annimali ghandhom l-ID. ....*
***Qorti:** Skuzani, din it-tag minn johrogha, id-dipartiment?*
***Joseph Zammit:** Id-dipartiment*
***Qorti:** Jigifieri, hi <u>tappartjeni d-dipartiment</u>?*
***Joseph Zammit:** <u>Iva</u>, imbaghad jiena ghidtlu imma dan l-annimal kif spiċċa fl-incineratur, ghidtlu jekk inti xtrajtu biex jinqatel, qalli ghax jiena u niżel bih minn Ghawdex tghallaqli, hemmhekk gie t-tieni wahda l-Animal Welfare, annimal ma jistax jitghallaq hekk jiġifieri u hemmhekk fejn iddeċiedejna...*
***Qorti: Qallek biex tghallaq?***
***Joseph Zammit: Kien marbut***
***Qorti:** Imma x'qallek hu dan?*
***Joseph Zammit: X'qalli hu dan** ghax jiena ma rajtux, ahna l-annimal mejjet gol-incineratur rajna jiġifieri*
***Qorti: Hu <u>ammetta</u> mieghek li dan mietlu ghax tghallaq***
***Joseph Zammit: <u>Mieghi u ma żewġ kollegi</u> ohra tieghi li qeghdin hawnhekk***
***Qorti:** Orrajt*
***Prosekuzjoni:** Qabel ma ghidt dan id-diskors, l-ewwel mistoqsija, kellimtu, ghidtlu xi haġa qabel?*
***Joseph Zammit:** Le, jiena tajtu d-dritta tal-Avukat, ghidtlu isma inti qieghed hawnhekk, ahna qeghdin ninvestigaw dan il-kaz, jekk trid iġib l-avukat ghidtlu tista iġġibu qalli <u>le ma ghandiex bzonnu</u>*
***Qorti:** Qallek ma ghandiex bżonn avukat?*
***Joseph Zammit:** Iva".*[8]

**Mario Pace**, ufficjal fi grad 5 fid-dipartiment veterinarju sezzjoni infurzar, taha rendikont tas-sehem tieghu f'dan il-kaz. Fl-4 ta' Frar, 2020, kien sehh meeting biex jigi determinat x'wassal ghad-diskrepanza bejn l-eta` indikata fuq it-*tags* u l-eta` tal-annimal innifsu. *"Dakinhar konna baghtna kemm ghal George Mercieca li huwa l-owner ta' qabel ta' din il-moghza u kemm Azzopardi Louis li ittrasporta minn Ghawdex ghal Malta.... spjegajna lilu li l-annimal li sibna fil-waste collection tal-Wasteserv, mhux jien kont imma kienu l-kollegi tieghi, jiena kont qieghed hemmhekk bhala parti mill-enforcement unit.... Li sabuh huma Dr. Christina Marino u Dr. Michele Chieramonte. Meta marru jaghmlu l-investigazzjoni tas-soltu biex naraw l-irjus ghax ahna ir-ras biss ikollna, l-parti l-ohra tal-bhima tinqered biex nivverifikaw l-imsielet tal-annimal.... Tinzamm ir-ras fil-Wasteserv sakemm, tinżamm go refrigerated container sakemm jiġi ivverifikat l-annimal mad-database taghna. Jirrizulta li l-annimal, **it-tag oriġinali tal-annimal tirriżulta ghall-annimal ta' 4 snin u 8 xhur skont id-database taghna imma l-annimal li sibna jew ir-ras hija ta' annimal inqas minn sena u dan jiġi identifikat minn snien ghax kienet ghada bil-milk teeth**. Staqsejna kemm lis-Sur Mercieca fuq dan, is-Sur Mercieca issostni li l-annimal*

[8] Fol.34

*li tah lill-Luigi Azzopardi kien annimal ta' bejn wiehed u iehor hames snin filwaqt li* ***Luigi qed jghid li l-annimal li niżel il-Wasteserv huwa l-annimal li kellu bejn sena jew sentejn.*** *Wiehed mill-kollegi tieghi is-Sur Zammit kien saqsieh, inti ilek f'dan ix-xoghol hafna żmien u ma jistax ikun li ma taghrafx annimal li jkollu inqas minn sena qallu jiġifieri inti xtrajt annimal ta' suppost 4 snin u 8 xhur jew 5 snin u filfatt qed tghid li l-annimal huwa bejn sena u sentejn. Dik hi bażikament, meta dahhalna l-persuni flimkien bdew qishom iwehlu f'xulxin, is-Sur Mercieca jghid li jiena tajtek annimal ta' hames snin u l-iehor jghid li dan huwa l-annimal imma l-annimal ma huwiex l-istess annimal**..... Iċ-ċippa ġiet maqluha mill-annimal oriġinali u impoggiha fuq l-annimal eżistenti li instabet**".*[9]

Pace ghadda biex jispjega l-procedura mhaddma mid-dipartiment tieghu: *"Bhala pressi ahna kull gimgha ninżlu niccekkjaw, din ma tkunx kuljum, ninżlu niccekkjaw x'dahal fil-Wasteserv. Issa, il-Wasteserv jaghtuna t-tag numbers jiġu iċċekkjati skont l-eta mad-database taghna u meta jinżlu l-veterinarji jiċċekkjaw l-irjus biex naraw pressa poco l-annimal kemm ghandu żmien, ma tistax tkun taf eżatt imma taghraf milk teeth minn snien ohrajn. U f'dan il-kaz gara appuntu hekk jiġifieri li kellhom ukoll email ghax Joe Zammit kien niżel jaghmel xi spezzjoni hu u dehrlu li kien hemm xi haġa mhux qeghda sew u baghat l-ufficjal li jiehdu hsieb l-ABP biex jiċċekkjaw iktar fil-fond u filfatt jindika bic-car li* ***t-tag hija ta' annimal ta' 4 snin u 8 xhur filfatt li l-annimal li instab kien ta' inqas minn sena****."*.[10]

Xehed il-veterinarju **Dr. Michele Chieramonte** li kull filghodu jinzel jiccekja li l-irjus tal-annimali mejtin biex jigi verifikat li c-comba (t-*tag*) mwahhla mar-ras tkun tikkorispkondi sew mall-eta` tal-annimal maqtul. Dan issir billi jigi mghoddi *print-out* minn Wasteserve Malta tal-annimali mejtin u qabel ma jinzel hdejn il-*container* ikun gja ghamel l-istharrig tieghu biex jivverifika l-eta` tal-annimal.[11] **Ghalkemm ic-comba kienet tindika li tappartjeni annimal ta' 4 snin u 8 xhur induna li l-annimal mejjet kien ta' anqas minn sena.[12]** Chieramonte sejjah lill-kollega tieghu Dr. Christina Marino li anke hi kkonfermat li kien hemm diskrepanza bejn it-*tag* u l-eta` vera tal-annimal maqtul. Minn dokumentazzjoni[13] mghoddija lilu mill-Wasteserve bhala *pre-notification copy* irrizulta li l-imputat ha l-annimal l-incineratur u l-persuna li baghat l-annimal kien George Mercieca.

Chieramonte jidhol f'aktar dettal, inkluz fuq min irrizulta li kienet registrata c-comba (t-*tag*). Dan qed jigi sottolinejat minhabba li l-abbli difensur fit-

---

[9] Fol.37-38
[10] Fol.39
[11] Fol.41-42
[12] Fol.42
[13] **Dok.MC**

trattazzjoni minn tieghu sahaq li ma giex ippruvat fuq min kienet registrata c-comba in kwistjoni.

Minn dak li jixhed Chieramonte jirrizulta l-kuntrarju, u cioe` li **c-comba kienet registrata fuq George Mercieca, propju l-persuna li jixhed li biegh il-bodbod lil Azzopardi,** kif wara kollox l-istess Azzopardi kkonferma ma Zammit fil-presenza ta' Pace u l-veterinarji!

Dr. Chieramonte jispjega: *"Wara li rajna l-annimal flimkien jien u t-tabiba Christina Marino ghamilna flimkien ir-rapport taghna, bl-ingliz miktub, jiena rajt l-annimal it-28 ta' Jannar* ***ghandha bodbod, MT0764505 fuq id-database taghna dan l-annimal huwa propjetà ta' Mr. Mercieca b'reġistrazzjoni ta' farm RG jiġifieri woman [recte: Ruminant] and Ghawdex 1427*** *u skont id-database l-annimal kellu 4 years and 8 months però l-annimal li rajna ahna bl-istess comba kellu inqas minn sena tal-eta u ghandna photos*[14]*."*

L-abbli veterinarju ntebah ukoll li hdejn it-tag *"kien hemm speci ta' scar tissue"* li qanqlet suspett li t-tag kient giet mibdula *"hdejn it-toqba fejn ic-comba.... Anki t-toqba fejn jaddi c-comba hemm circumference ikbar. Imagine a circle and the comba".*[15] Izid li c-comba stess tindika li l-annimal hu kbir fl-eta` ghaliex dawn jibdew bin-numru 1 meta fuq c-comba tar-ras l-annimal in kwistjoni n-numru kien jibda bin-numru 0, *"It-tags iktar riċenti tal-annimali ġodda ha nghidu hekk, jibdew bil-1... Il-problema hija li* ***l-annimal kellu 4 years u 8 months, jikkorrispondi propju ghal din ic-comba fuq id-database, ic-comba fuq id-database tappartjeni ghal Mr. George Mercieca RG 1247 u kellu 4 years and 8 months*** *u malli rajt l-annimal..[* ir-ras kienet ta' bodbod] ***.....ragel bodbod goat".***[16] .

Fil-fatt anke r-rapport esebit minn dan ix-xhud jipprovdi: *"The report was about a goat* ***MT0764505****. On intertrace this goat belongs to RG1427, George Mercieca, and* ***is 4y8; the goat at the Wasteserve was less than 1 year****, as can be seen in the picture. The goat MT0764505 was supposed to be in Gozo, while the goat arrives was brought at the waste from Louis Azzopardi, a transporter in Malta. No movement permit was found on date.* ***Evident sign of tampering was found on the ears as per picture.****".*[17]

[14] **Dok.MC1** a fol.54
[15] Fol.44-45
[16] Fol.46
[17] Fol.48-49

Fl-'Applikazjoni ghall-Qatla ta' Naghag u Moghoz', li jidher li giet iffirmata kemm mill-imputat kif koll minn Mercieca, jidher li s-sess tal-annimal gie indikat bhala <u>maskili</u>.[18]

**Dr. Cristina Marino**, *senior veterinary officer*, tat ir-retroxena tal-indagini zvolta minnha flimkien ma Dr. Chieramonte wara li rcevew email minghand Joseph Zammit li kienet grat xi haga stramba fil-Wasteserve w ntalbu jinvestigaw. Hi kienet risponsabbli mill-*identification and registration* (I&R) tal-annimali.

Ghalkemm saret traduzzjoni[19] ghall-Malti ta' din id-deposizzjoni, l-Qorti ser tikkwota minn dak li stqarret *viva voce: "So, **when we arrived there was a goat that according to our database was supposed to be of a certain age was 4 years and 8 months but actually after examination that was really young goat so was actually not even 1 year**. So, then we evaluated that the situation was strange so we came back to office, we issued a report and then I think was, I have to check 4th February we called Mr. Azzopardi and Mr. Mercieca that was the owner of that goat, in the office to have a meeting to understand what was happening. So then, on that day we spoke with the both of them because actually this animal belonged to Mr. Mercieca in Gozo, then it was sold to Mr. Azzopardi just to go to the slaughter. So, well we first we spoke with Mr. Mercieca and he told us of course we gave both of them the right to have lawyers. So, Mr. Mercieca that he sold to Mr. Azzopardi a goat at around 5 years and that is what he knows, then he doesn't know anything so <u>then we interrogated Mr. Azzopardi and he told us that that was the animal that he bought but then we asked him so do you know what age was the animal that you bought and first he told us that he doesn't know, then Joseph Zammit told him like with your vast experience you should the age so then he told us, I think it was 1 year maybe 2 years</u>. So then I thought that so if you notice that it was 1 year, you didn't find strange that the tag started with 07 because I don't know if you know but the tags are consecutive so it's really strange that a 1 year goat has a tag starting with 07. So, yeah when we asked him about the tag he told us no because in Gozo we have another system of tagging animals but this is not true we are the same. We are the owners of the tags, we distribute them to the Gozo office".*[20]

Tkompli tispjega li **t-tags huma propjeta` tal-gvern u hadd ma ghandu permess inehhihom minghajr permess tad-dipartiment,** tant li meta hemm bzonn ta' *re-tagging*, imorru huma stess biex jaghmlu dan. Meta annimal jittiehed l-incineratur, titnehha wahda mit-*tags* ghal *record purposes*.[21] Ix-hud ghaddiet biex ikkonfermat id-dokument li jirraporta l-akkadut.[22]

---

[18] Fol.53

[19] **Dok.LC** a fol.85-89

[20] Fol.56. Traduzzjoni tal-estratt a fol. 86

[21] Ibid.

[22] Fol.57. Vode **Dok. MC1** a fol. 54

Tikkonferma d-dokumenti esebiti, fosthom ir-rapport maghmul minnha w Chieramonte *"Dan huwa r-rapport li ghamilt jien gurnata wara li morna ninvestigaw il-Wasteserve u ghadni kemm nispjega l-istorja".*[23] Murija r-ritratti tkompli tispjega *"these are the pictures that we took when we went to investigate at the Wasteserve and well we just showed the tags, these are the pictures of the teeth because from this its clear for us that <u>this animal was really young was not even one year</u> and then we took another picture, so we can see that <u>there was tampered with the tag</u>. Normally, they should only have one whole [recte: hole], this animal had 2 …. This is really strange sign because normally they should have only one whole [recte: hole] we just the clip and its 1. Even if we remove the tag because of some legal reason and we use a retag, we use the <u>same hole</u>. So this is really strange".*[24]

**Dr. Duncan Chetcuti Ganado**, Senior Veterinary Officer, jixhed dwar l-importanza tat-*tags* u l-iskop warajhom: *"it-tags huma l-identifikazzjoni li jintuzaw ghan-naghag, jintuzaw fuq zewg widnejn u jintuzaw biex jaghtu ddentifikazzjoni ghal kull naghga li hemm fir-razzett fl-irziezet kollha. L-iskop huwa fl-ahhar mill-ahhar tracca abbilitata' ta' dawn in-naghag u protezzjoni ghall-konsumatur li ha jiehu l-prodotti ta' dawn l-annimali f'dan il-kas hafna drabi jkun il-halib jew il-gbejniet biex jekk ikun hemm xi problemi ta' sahha, ta' igene, ta' mard, ta' xi haga nkunu nafu fejn nistghu mmorru direttament ghal-problema. Mela, meta qed nitkellmu fuq naghag u moghoz it-tags huma triangolari, jitpoggew fuq iz-zewg widnejn u dawn ghandhom numru, n-numru huwa numru ugwali ovjament jigifieri … l-ligi tal-Ewropa li hija l-Council Regulation 21/2004 li jpoggi l-obbligu taghha li dawn in-naghag ikunu bit-tags, bl-identifikazzjoni. Dan qisu qed nghidu qisu l-ID card ta' kull naghga u ta' kull moghza. <u>It-tagging isir mill-ufficjali tas-servizz veterinarju f'Malta</u>….. Issa x'jigri, jista jigri li naghga titlef tag, titlef wahda ghalhekk ghandhom tnejn biex jekk huma jitilfu tag xorta hemm wahda, pero' r-rahhal huwa obbligat li jinforma lid-Dipartiment li ghandu tag nieqsa biex l<u>-ufficjali cioe' n-nies fl-ufficcju jordnaw tag iehor biex in the meantime meta t-tag jigi jpoggu dak it-tag … fil-widna fejn waqghet it-tag</u> u hekk dik it-traccabilita' dejjem issehh. Issa, Ghawdex hija daqsxejn differenti, differenti fis-sens li l-ufficcju huwa xorta l-Animal Health Unit li huwa responsabbli pero' huma jaghtu l-ufficcju t'Ghawdex*[25] *…. numru ta' tags lil dan l-ufficcju fejn ikunu numerati u registrati u jhalluhom f'idejn l-ufficjali, l-veterinary support officers u l-veterinary officers t'Ghawdex li mbaghad huma jaghmlu l-istess xoghol u jdahhlu kollox fid-database u ahna naqsmu l-istess database, jigifieri nkunu nistghu naraw fid-database x'hemm. Issa, x'jigri bejniethom il-farmers, il-farmers jixtru l-bhejjem bejniethom pero' biex jixtru l-bhejjem huma jridu jistaqsu mhux il-permess imma sa certu punt huwa permess mid-dipartiment u dan isir imbaghad ahna*

[23] Fol.88
[24] Fol.57-58. Traduzzjoni tal-estratt a fol. 89
[25] Fol.91

*nsejhulu bhala transfer, transfer jigifieri huma qed jigu l-ufficcju biex jistaqsu biex isir transfer minn razzett ghal-iehor. Biex isir dak it-transfer ahna nkunu rridu nkunu nafu liema annimali jigifieri liema numru ha jigi trasferit mil-liema razzett li ghandu numru ghal liema razzett li fih numru wkoll. Jigifieri jekk ma hemmx numru f'wiehed minnhom hemm xi haga hazina jigifieri ma jistax isehh, ha jkun hemm xi moviment illegali. Ma jistax isir qabel ma jkun hemm il-go ahead min-naha tad-dipartiment.".*[26]

Muri ritratt a fol.68-69 jgharraf it-tag bhala wahda mahruga f'Malta mid-Dipartiment li jitwahhlu fuq l-annimali minn ufficjali tal-istess dipartiment.[27] Biex jinqalghu, anke meta animal jittiehed l-Wasteserve, dan irid isir ukoll minn ufficjali tad-dipartiment.[28]

**Larkin Stafrace**, *waybridge operator* mal-Wasteserve, esebixxa dokument[29] li jigi krejat minnu wara li jkun il-klijent li jaghtih id-dettalji necessarji sabiex jinghata permess jarmi l-annimal. F'dan il-kaz il-klijent Louis Azzopardi, li gharrfu bhala l-imputat,[30] infurmah li ghandu bodbod.[31]

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax li f'dan id-dokument – li jgorr dettalji fornuti mill-imputat innifsu – hemm indikat fih bhala Client u Haulier AZZ001 Louis Azzopardi, bid-data tkun dik tat-22 ta' Jannar 2020 fil-17:28 hrs, data li tidher ukoll fl-'Applikazzjoni ghall-Qatla ta' Naghag u Moghoz'[32] li ukoll giet konfermata minn Stafrace.[33]

F'dokument iehor intestat 'Thermal Treatment Facility', l-*"Isem tal-Produttur (jew sid)"* hu ukoll dak ta' Louis Azzopardi, detentur tal-Karta tal-identita` 443069M,[34] l-imputat!

**Vanessa Mercieca**, spettur mal-Wasteserve, spjegat kif l-imputat kien ha bodbod shih u taha in-number tat-tag li kellu ma widnejh l-annimal li kien 0764505.[35] In-numru tal-vettura tal-imputat kien SJM244, l-istess numru li jidher fid-dokumenti esebiti minn Stafrace. Ikkonfermat id-dokument mahrug

[26] Fol.92
[27] Fol.93
[28] Fol.94
[29] **Dok.LS** a fol.99
[30] Fol.97
[31] Fol.95-96
[32] Fol.53
[33] Fol.97
[34] Fol.100
[35] Fol.103-104

minnha[36] li juri d-dettalji li jkunu fuq *ticket* li johrog minn fuq il-mizien, liema dettalji hi kienet tikonfermahom.[37]

**Stephanie Bonnici**, clerk mal-Wasteserve, esebiet ritratti li gabret minn fuq *sim cards* wara li ttiehdu minn Vanessa Mercieca li fihom tidher ir-ras tal-bodbod u n-numru tal-vettura tal-klijent, kif ukoll id-dokumentazzjoni[38] relattiva ghall-konsenja tal-bodbod lil Wasterserve. Jirrizulta li dawn ir-ritratti ttiehdu fil-jum li ddahhal il-bodbod fit-22 ta' Jannar, 2020.[39] Tispjega li wara li r-rahhala jmorru fuq il-*waybridge*, ikun hemm *inspector* li tiehu ritratti ta' kull annimal u tnizzel in-*number plate*; l-annimali jittiehdu mejta. Wara jmorru gol-impjant bil-karrozza fejn minn hemm l-annimal jintefa' fil-*bin* permezz ta' lifter. F'dan il-kaz Azzopardi dahhal karkassa wahda, dik tal-bodbod.[40]

**George Mercieca**, jixhed li ghalkemm kien jaf lill-imputat, dan solitament kien jaghmel negozju ma huh peress li hu baqar kellu, izda wara li miet missieru, wiret 4 moghziet u bodbod. Kien fit-<u>22 ta' Jannar, 2020</u>, - l-istess data li l-bodbod iddahhal il-Wasteserve - li <u>biegh il-bodbod lil Azzopardi</u>, u ffirma karta li kienet turi li dan kien ser jittiehed il-biccerija.[41]

Dan id-dokument juri l-isem **is-sensal u dak tat-trasportatur bhala l-imputat**, u s-sid ikun l-istess Mercieca, li anke ffirma l-istess 'Applikazzjoni ghall-Qatla'.[42] Dwar dan ix-xhud jaghti spjegazzjoni li fil-fehma tal-Qorti ghandha mis-sewwa, *"Tawni l-karta li jaghtuk mill-ktieb tal-biccerija li ghall-qatla ghax jiena **ghall-qatla qalli ma qallix transfer biex ser izommu, ghall-qatla**."*[43]. L-annimal tahulu b'sahhtu *"Kien jeqilbek ….ma tafx li kien haj"*.[44] Peress li ma jafx jikteb id-dokument mlieh t-tifel ta' huh, *"Dak igib il-ktieb <u>mill-biccerija t'Ghawdex</u> biex taqta l-karti minnu biex il-bhejjem meta johorgu ghall-biccerija tohrogilhom karta bhal dik."* bid-data tkun dik ta' meta l-bodbod halla r-razzett ta' Mercieca.[45]

Mercieca jkompli li l-annimal li biegh lill-imputat kellu bejn 4 u 5 snin, ghaliex jiftakar li meta xtrah missieru il-bodbod kellu sena u nofs. Izid *"F'kundizzjoni tajba tajthulu jiena, jiena bieghhejtulu ghax ma kienx baqghali uzu ghalih ghax qed inrabbi t-tfal tieghu mbaghad ma nistax nammar lit-tfal tieghu minn missierhom*

---

[36] **Dok.VM** a fol.106
[37] Fol.103
[38] **Dok.SB** a fol.112 et seq.
[39] Fol.108-109
[40] Fol.111
[41] Fol.119
[42] **Dok.GM** a fol.124
[43] Fol.120
[44] Fol.121
[45] Ibid.

*ghalhekk nehhejtu".*[46] Mitlub jara r-ritratti tar-ras tal-bodbod li twassal mill-imputat il-Wasteserve, Dok.**MC1** a fol.54, ix-xhud hu pront iwiegeb:

***"George Mercieca:*** *Mhux qed naghraflhom ghax* ***m'humiex tal-bodbod li bieghhejt jiena….. Dak ma jidhirx li huwa r-ras tal-bodbod tieghi.***
***Magistrat:*** *Dak mhux ir-ras tal-bodbod tieghek.*
***George Mercieca: Le, le, le, le mhux zgur.***
***Magistrat:*** *M'huwiex ir-ras il-bodbod li bieghhejt lil Wigi.*
***George Mercieca: Le, le m'hix. M'hix.".***[47]

Fuq dawn ir-rizultanzi jirrizultaw is-segwenti fatti:

1. Mercieca biegh bodbod lill-imputat fit-22 ta' Jannar, 2020, wara li dan xtrah minghandu ghall-qatla;
2. L-imputat jammetti li xtara bodbod minghand Mercicea; bodbod li kien **registrat regolarment** fuq ir-rahhal Mercieca.
3. Il-bodbod li biegh Mercieca kellu bejn 4 u 5 snin u kellu tag li skond id-dokument li ffirma kien igib in-numru 0764505;
4. Il-bodbod li ddahhal il-Wasteserve kien ta' anqas minn sena, sahansitra kien ghad kellu l-*milk teeth;*
5. Il-bodbod li ddahhal il-Wasteserve minn Azzopardi kellu fuq widnejh tags li jappartjenu bodbod ta' 4 snin u 8 xhur, l-eta' li jindika Mercieca bhala l-eta` tal-bodbod li biegh lil Azzopardi;
6. Mal-Ufficjali tad-dipartiment veterinarju, b'mod partikolari Joseph Zammit fil-presenza tat-tobba veterinarji, **Azzopardi stqarr li l-bodbod li nizzel minn Ghawdex u li xtara minghand Mercieca kien tghallaq waqt it-tragitt.**

It-tezi tal-abbli difiza hi li Azzopardi ghamel pjacir lil Mercieca billi gablu l-bodbod Malta ghall-qatla, u dan thalla bit-tags kif tahulu l-istess Mercieca. Din il-verzjoni – li kif ser jinghad ma giet korroborata lanqas b'farka ta' prova – hi inverosimili u m'ghandhiex mis-sewwa.

Assolutament ma jaghmilx sens, li Azzopardi jiehu l-izbriga jnizzel hu animal li jappartjeni lil Mercieca minn Ghawdex biex jaghmillu pjacir; process li hu l-abbli difensur innifsu li fis-sottomissjonijiet tieghu jishaq li hu process laborjuz u li jiehu l-hin.

[46] Fol.120
[47] Fol.122

- Xi bzonn kellu Mercieca li l-annimal jitnizzel Malta minn Azzopardi, biex jittiehed f'incineratur f' Malta meta hu maghruf li l-qtil f'Ghawdex issir kollu l-biccerija fiz-Zona Industrijali fix-Xewkija??
- Xi bzonn kellu Mercieca biex il-bodbod li kien registrat regolarment jitnizzel Malta biex jinqatel?
- Kemm jaghmel sens li minflok bieghu w ha l-qliegh tieghu, Mercieca ghadda bodbod ghall-qatla lill-imputat biex jaghmel telf minnu?
- Jekk verament Azzopardi kien qed jaghmel pjacir lil Mercieca billi jiehu l-bodbod ghall-qatla, ghaliex ma waqafx il-biccerija fix-Xewkija minflok ghamel dak li skarigg kollu biex jitla' ghal bodbod u jiehdu mawra lejn Malta?

Il-lineja difensjonali ta' Azzopardi hi msejjsa ghal kollox fuq allegazzjoni, anzi hi intjerament allegazzjoni li m'ghandhiex mis-sewwa u hi ghal kollox inverosimili!

Baqghet ma ngabet l-ebda prova minn naha tad-difiza li permezz taghha, it-tezi difensjonali maghmulha fil-kors tat-trattazzjoni, tigi sostanzjata mqarr remotament. Ma saritx lanqas domanda wahda li hi wahda lil Mercieca fil-kontroezami biex tissostanzja l-allegazzjoni li hu talab lill-imputat jehodlu bodbod ghall-qatla!

Jinghad li din hi l-awla tal-provi u min jallega irid jipprova, dejjem sal-grad mistenni minnu, f'dan il-kaz sal-grad tal-probbabli. Id-difiza ma ssirx fit-trattazzjoni permezz ta' allegazzjonijiet minghajr l-ebda prova li torbot dak allegat ma xi fatt jew cirkostanza ppruvata sal-grad mistenni!

Fil-fatt l-imputat ma jressaq lanqas tracca ta' xi prova biex tissostanzja l-allegazzjoni li hu intlaghab minn Mercieca biex inizzillu l-annimal Malta ghall-qatla! U kemm ghandu mis-sewwa dan? Jirrizulta li l-annimal inbiegh u ttiehed il-Wasteserve fl-istess jum, dak tat-22 ta' Jannar, 2020. Ma jaghmel l-ebda sens li Azzopardi jiehu dak ix-xoghol kollu inizzel annimal minn Ghawdex biex jaghmel pjacir lil Mercieca li kellu l-kumdita` kollha jiehu l-annimal fil-biccerija f' Ghawdex stess u jaghmel negozju minnu l-istess sid tieghu, Mercieca!

L-unika hlas izda li jidher li sar kien propju minn Azzopardi ghal Mercieca u mhux *vice versa* kif wiehed jistenna li jkun sar li kieku Azzopardi verament gie inkarigat minn Mercieca jnizzillu bodbod Malta ghall-qatla! Il-hlas sar ghaliex verament il-bodbod inbiegh minn Mercieca lill-imputat Azzopardi!

Il-Qorti m'ghandhiex dubbju li **l-verita` hi dik li jistqarr Mercieca**. **Hi l-unika verzjoni li ghandha mis-sewwa, hi versomili.** Dak li jistqarr Mercieca hu korroborat mill-ufficjali u t-tobba veterinarji – it-*tags* li hemm indikati fuq l-

applikazzjoni li ggor anke l-firma tal-imputat jirreferu ghall-annimal ta' bejn 4 u 5 snin kif jistqarr Mercieca, 4 snin u tmien xhur ghall-ezatezza!

Il-verita` hi li Azzopardi fit-22 ta' Jannar, 2020, xtara l-bodbod minghand Mercieca ghall-qatla u kien ghalhekk li nizzlu lejn Malta, biex fil-hin opportun dan jinqatel u jaghmel negozju minnu. Gara izda, kif *del resto* jammetti quddiem l-ufficjali tad-dipartiment l-istess Azzopardi, li l-bodbod li hu kien rabat fil-van biex jitnizzel Malta, lahaq tghallaq. Din hi l-unika spejgazzjoni li taghmel sens mill-fatt li l-bodbod minn gewwa Ghawdex, fejn il-biccerija hi bieb u ghatba fit-triq li taghti ghall-Malta, fix-Xewkija, kellu ghalfejn jitnizzel Malta biex jinqatel. Gara izda li dan l-annimal miet fit-tragitt lejn Malta u b'hekk l-imputat iddecieda li jissostitwixxi bodbod b'iehor, izda mhux qabel ma ttrasferixxa t-tags tal-bodbod li nxtara minghand Mercieca ghal fuq il-karkassa li ttiehdet fl-incineratur.

Ikkunsidrat:

L-Ewwel Imputazzjoni: Artikolu 35(1)(c)(iii) tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, Kapitolu 437 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi l-artikolu 35(1)(c)(iii) jipprovdi:

> **35.**(1) Kull min ikun is-sid, id-detentur, in-negozjant jew l-importatur, id-destinatarju, it-**trasportatur**, il-bejjiegħ bl-imnut jew kull persuna oħra li tkun awtorizzata taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att biex tiddisponi minn annimali ħajjin, prodotti ta' oriġini mill-annimali, prodotti elenkati fl-Ewwel Skeda, għalf tal-annimali jew prodotti mediċinali veterinarji, jew ir-rappreżentant ta' dawk il-persuni, jew min ikun inkarigat minn xi attività veterinarja privata, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att -……
>
> (c) għandu josserva kull l-obbligazzjoni imposta taħt danl-Att li għandha x'taqsam ma' mard li jittieħed, u jimplimenta regoli relattivi; mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi, dawk il-persuni għandhom -…..
>
> (iii) identifikaw u jirreġistraw annimali, u jiddikjaraw ċ-ċaqlieq ta' annimali li jkunu taħt ir-responsabbiltà tagħhom;

Illi galadarba it-*tags* mwahhla mal-bodbod li ddahhal minn Azzopardi l-Wasteserve **ma kienux jappartjenu lil dak l-annimal** izda lill-annimal iehor ferm ixjah, m'hemmx dubbju li l-imputat naqas milli jiddentifika kif dovut il-bodbod li kien taht ir-responsabilita` tieghu. L-identifikazzjoni li nghatat kienet tappartjeni ghal bodbod ta' Mercieca li kien tghallaq fi triqtu lejn Malta.

Jirrizulta minghajr ombra ta' dubbju, anke minn dak li ddikjara l-imputat stess f'**Dok.LS**[48] u **Dok.GM**[49] li **kien hu t-trasportatur.**

Ghalhekk din l-ewwel imputazzjoni giet ampjament ippruvata.

Illi l-abbli difensur jikkontendi li l-Att ma jipprovdix ghall-pieni ghal min jwettaq reat taht l-artikolu 35, peress li ghalkemm l-artikolu 35(2)[50] tal-Att jaghti fakolta` lil Ministru jaghmel regolamenti biex jippreskrivu l-piena, dawn ir-regolamenti qatt ma saru.

Filwaqt li hu minnu li ma jidhirx li qatt saru regolamenti taht dan l-artikolu sabiex jipprovdu ghall-pieni <u>aktar severi</u> minn dawk li jipprovdi ghalihom l-istess Att, jibqa' l-fatt li l-Att innifsu, jipprovdi pieni ghall-ksur tal-obbligi sanciti bl-Artikolu 35 tal-Att. Fil-fatt l-artikolu 57 tal-Att jipprovdi:

> **57**.(1) Min jikser xi disposizzjoni ta' dan l-Att li dwarha m'hemm provdut ebda piena speċifika ikun ħati ta' reat u jeħel,meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Attard**, kaz fejn l-imputat kien instab hati talli naqqas milli jiddentifika u jirregistra numru ta' naghag. F'dak il-kaz il-piena erogata kienet dik li ssir riferenza ghaliha fl-artikolu 57 tal-Att:[51]

> 2. Il-fatti ta' dan il-kaz huma li l-appellant John Attard instab qed irabbi numru sostanzjali ta' naghag gewwa razzett bla permess u minghajr ma kienu registrati skond il-ligi…..
>
> 3. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, din il-Qorti tosserva illi apparti li l-appellant kien imputat bi ksur tal-artikolu 35 tal-Kapitolu 437, kien imputat u misjub hati bi ksur tar-regolamenti fil-Ligi Sussidjarja 437.78 (Avviz Legali 346 tal-2015). Dan l-Avviz Legali jirreferi ghar-Regoli Dwar l-Identifikazzjoni u r-Registrazzjoni ta' Majjali meta hawn si tratta ta' naghag. Ezaminati r-regolamenti maghmulha taht il-Kapitolu 437, ma jezisti ebda wiehed rigward l-identifikazzjoni, registrazzjoni jew zamma ta' naghag ghajr dak numru 437.13 – Regolamenti dwar Naghag u Moghoz ghat-tghammir tar-Razza Pura li ma jipotizzax ir-reat in dizamina. ……
>
> 6. Jissokta jargumenta l-appellant illi la darba huwa imputat bi ksur tal-artikolu 35(1)(c)(iii) tal-Kapitolu 437, ma seta qatt jinstab hati la darba l-annimali qatt ma kienu esebiti formalment u wisq

[48] Fol.99

[49] Fol.124

[50] (2) Il-Ministru jista' jagħmel regoli li jipprovdu li kull persunali tikser id-disposizzjonijiet tagħhom tkun ħatja ta' reat kontra danl-artikolu u teħel, meta tinsab ħatja, dik il-piena li tista' tiġi preskritta mill-Ministru, liema piena tkun ta' priġunerija ta' mhux aktar minn sitt xhur jew multa ta' mhux aktar minn tlieta u għoxrinelf u mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73).

[51] Per Onor Imhallef Dr. Giovanni Grixti; Deciza 26 ta' Jannar, 2018. Appell Nru: 343/2017, 347/2017

anqas ingiebet prova li kien hemm xi caqlieq jew trasferiment taghhom. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

> 35. (1) Kull min ikun is-sid, id-detenetur, in-negozjant jew l-importatur, id-destinatarju, it-trasportatur, il-bejjiegh bl-imnut jew kull persuna ohra li tkun awtorizzata taht id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att biex tiddisponi minn annimali hajjin, prodotti ta' origini mill-annimali, prodotti elenkati fl-Ewwel Skeda, ghalf tal-annimali jew prodotti medicinali veterinarji, jew ir-rapprezentant ta' dawk il-persuni, jew min ikun inkarigat minn xi attivita' veterinarja privata, bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att –
>
> (c) ghandu josserva kull l-obbligazzjoni imposta taht dan l-Att li ghandha x'taqsam ma' mard li jittiehed, u jimplimenta regoli relattivi; minghajr pregudizzju ghall-generalita' ta' dak hawn qabel imsemmi, dawk il-persuni ghandhom –
>
> (iii) jidentifikaw u jirregistraw annimali, u jiddikjaraw c-caqlieq ta' annimali li jkunu taht ir-responsabilita' taghhom.

L-atti processwali juru illi l-appellant naqas milli jidentifika u jirregistra annimali taht ir-responsabilita' tieghu u ghalhekk muhiex mehtieg li jkun partecipi ukoll fil-mankanza li jirregistra caqlieq ta' annimali sabiex jista' jinstab hati tar-reat ravvizat fl-artikolu citat supra. Fi kliem iehor, persuna tista' tonqos f'wiehed biss mill-ipotezi fir-rassenja appena citata u mhux neccessarjament f'kull wahda minnhom sabiex tinstab hatja;……

7. Fl-ahhar argument tieghu, l-appellant jghid illi l-artikolu 35(1)(c)(iii) jitkellem biss dwar caqlieq ta' annimali u ma jaghmel l-ebda referenza ghaz-zamma ta' annimali skond l-akkuza kif migjuba fil-konfront tar-rikorrenti. Din il-Qorti ma tistghax hlief li tikkummenta li l-artikolu li bih huwa imputat l-appellant huwa car u jimponi fuq kull persuna hemm imsmmija, sia jekk sid jew detentur eccetera, sabiex jidentifika u jirregistra annimali taht ir-responsaiblita' tieghu kif ukoll illi jiddikjara xi caqlieq taghhom jekk ikun il-kaz. Kull tigbid tat-tifsira semplici ta' dan il-kliem jew ta' x'inhu li mhux suppost li jfisser huwa indeziderat ghall-fini tal-imputazzjoni odjerna;

8. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell kif interpost minn John Attard qed ikun michud;

9. Imiss issa li jkun trattat l-appell tal-Avukat Generali li kif gia indikat supra, jitlob ir-riforma tas-sentenza appellata bil-konferma taghha fejn instabet htija u fejn kienet erogata piena ta' €5,000 izda billi tizdied il-konfiska tal-merhla mertu tal-kaz kif kienet talbet il-prosekuzzjoni fis-sottomissjonijiet taghha. L-Avukat Generali jaghmel referenza ghall-artikolu 57(1) tal-Kapitolu 437 li jiddisponi hekk:

> 57. (1) Min jikser xi disposizzjoni ta' dan l-Att li dwarha m'hemm provdut ebda piena specifika ikun hati ta' reat u jehel, meta jinsab hati, multa ta' mhux izjed minn hdax-il elf u sitt mija uj sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11,646,87);
>
> (2) Meta xi hadd jinsab hati ta' xi reat kontra dan l-Att, il-Qorti tista, b'zieda ma' xi piena specifika ohra li tista' timponi, tordna li dawk l-istrumenti, taghmir, prodotti jew sustanzi uzati fit-twettiq tar-reat ghandhom jigu konfiskati favur il-Gvern u, jekk jigu hekk konfiskati, dawn ghandhui jsir minnhom b'dak il-mod hekk kif il-Qorti tista' tiddetermina fuq il-parar tad-direttur…….

L-ewwel Qorti ghalhekk ma kellhiex il-vires li tordna l-konfiska tal-annimali u l-argument tal-Avukat Generali, anke jekk inhuma logici u ragjonati favur is-sahha pubblika, ma jistghux ikunu konsiderati oltre; [sottolinejar ta' din il-Qorti]

Maghmulha dawn il-konsiderazzjonijiet ma jreggix l-argument li ghall-trasgressjonijiet dwar l-Artikolu 35(1)(c)(iii) tal-Kapitolu 437 il-legizlatur ma provdiex ghall-pieni. Dak li ma provdiex ghalih l-legizlatur kien precizament li ghall-reati simili kellhom isiru regolamenti li jipprovdu ghall-pieni ferm aktar severi punibbli anke bi prigunerija! *Del resto* baqghu japplikaw il-pieni generali li jipprovdi ghalihom l-istess Att.

<u>It-Tieni Imputazzjoni: Falsifikazzjoni ta' siġilli, timbri jew marki oħra tal-Gvern.</u>

Illi dwar din l-imputazzjoni, l-abbli difensur jaghmel riferenza ghal dak li jghid Cremona u jikkontendi li l-artikolu 172 tal-Kodici Kriminali ma jsibx applikazzjoni ghal kaz in dezamina.

Pero` **Cremona** jaghmel riferenza ghas-sentenza **Sua Maesta il Re vs Salvatore Portelli**[52] li tittratta r-reat ravvizat b'dak li kien l-artikolu 174 (illum l-artikolu 172) tal-Codice Penale di Malta e sue Dipendenze:[53]

Se l'apposizione di un bollo o marchio ad una merce e` tale da fare ingannare il compratore intorno alla natura del prodotto, e la vendita del prodotto con tale marchio costituisce una frode, **lo stesso fatto costituirebbe il dellito di falsita` di bollo pubblico**, e quel marchio e` una contraffazione di quello destinato a bollare o marcare oggetti di proprieta` pubblica, o posti sotto la guarentigia pubblica.

Fil-Consideration of Bills Committee, dwar l-Abbozz Nru. 28 tal-2001 li aktar tard sar l-Att III tal-2002, intqal:[54]

**ONOR. TONIO BORG:** Sur President, klawsola 32 qed temenda artiklu 172 li jirrigwarda l-falsifikazzjoni ta' siġilli, timbri jew marki oħra tal-gvern. Illum l-artiklu jaqra hekk:

"Kull min, barra mill-każijiet imsemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, jiffalsifika siġilli, timbri jew marki oħra, li qegħdin sabiex jissiġillaw, jittimbraw jew jimmarkaw, ... ".

Issa bl-ewwel emenda dan l-artiklu se jiġi jaqra "jissiġillaw, jittimbraw, jimmarkaw, jawtentikaw jew jiċċertifikaw".

---

[52] Corte Criminale; Deciza 22 ta' Marzu 1915
[53] Raccolta della Giurisprudenza sul Codice Penale, 1935
[54] Meeting No.: 100 - Wednesday, 10-Oct-2001

It-tieni emenda qiegħda tiġi mdaħħla biex minflok il-kliem "dokumenti jew oġġetti ta' proprjeta` pubblika, ..." jidħlu l-kliem "dokumenti jew oġġetti, sew jekk ta' proprjeta` pubblika jew privata, ...".

Imbagħad fl-istess klawsola qed issir emenda fit-test Malti biex minflok il-kliem "taħt il-kustodja pubblika," jidħlu l-kliem "taħt il-garanzija pubblika".

L-aħħar emenda ta' din il-klawsola qed issir għal subartiklu (2), li llum jgħid hekk:

> "Kull min xjentement jagħmel użu minn dawn is-siġilli, timbri jew marki, jeħel l-istess piena".

Issa dan is-subartiklu se jiġi emendat biex minflok il-kliem "jew marki" jidħlu l-kliem "jew marki u kull min xjentement u mingħajr awtorita` leġittima jkollu fil-pussess tiegħu l-imsemmija oġġetti, ...", jiġifieri anke jekk dak li jkun ma jagħmilx użu minn dawn l-oġġetti u jinqabad biss li qegħdin fil-pussess tiegħu, ukoll ikun ħati ta' reat.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Imma għandi nifhem li ma jeħilx l-istess piena daqs min jinqabad li jkun qed jagħmel użu minn dawn l-oġġetti.

**ONOR. TONIO BORG:** Iva, dan se jeħel l-istess piena. Probabbli kien hemm xi ħadd li ġie liberat minħabba li ma kienx inqabad jagħmel użu minn dawn l-oġġetti għalkemm kienu fil-pussess tiegħu u għalhekk hawn qed nagħlqu dik il-*loophole*. Għax ejjew ngħiduha kif inhi, jekk wieħed jinqabad b'timbru fil-pussess tiegħu, dan mhux biex jużah ikun fil-pussess tiegħu? Per eżempju, mhux l-ewwel darba li kellna każijiet ta' falsifikazzjoni ta' timbri fuq il-passaporti fejn ikun hemm *immigration officer* korrott li jiffalsifika t-timbru bil-għan li wieħed ikun jista' jitlob *extension* biex jibqa' hawn Malta. Ġieli jkun hemm ukoll każijiet fejn it-timbru jintilef, u allura min jaf għand min isib ruħu. Ara qabel, min kien jinqabad fil-pussess ta' xi oġġetti bħal dawn, ma kien jeħel xejn.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Jien naqbel ma' din l-emenda, u fl-opinjoni tiegħi hija emenda tajba ħafna għax jekk ma jsirx hekk, l-abbuż jibqa' ma jinqata' qatt.

Permezz ta' dak l-Att III tal-2002 imbghad saru diversi emendi ghal dan l-artikolu:

(i) Minflok il-kliem "jittimbraw jew jittimbraw" gew sostwiti il-kliem "jittimbraw jimmarkaw, jawtentikaw jew jiċċertifikaw";

(ii) Minflok il-kliem "dokumenti jew oġġetti ta' proprjetà pubblika, jew li jkunu qegħdin" gew sostwiti l-kliem "dokumenti jew oġġetti, sew jekk ta' proprjetà pubblika jew privata, jew li jkunu qegħdin";

(iii) Minflok il-kliem "taħt il-kustodja pubblika" gew sostwiti l-kliem "taħt il-garanzija pubblika".

L-abbli difiza taghmel riferenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Andrew Ellul Sullivan et**[55] u tikkontendi li fuq skorta ta' din id-decizjoni l-Qorti ma ghandhiex issib htija:

> Illi ghar-rigward tal-akkuzi kontemplati fl-artikoli 167, 169 , 172 u 308 tal-Kodici Kriminali kontenuti fin-nota tal-Avukat Generali tal-15 ta' Dicembru, 1990 , hawn japplikaw ir-regoli generali tal-grad tal-prova li l-ligi timponi fuq il-prosekuzzjoni bla ma tisposta l-oneru tal-prova fuq l-appellati ad distinzjoni tal-ligi tad-Dwana fejn jidhol in ballo l-artikolu 77 ……
>
> Ghalhekk fir-rigward ta' dar-reat l-Ewwel Qorti kienet altru milli gustifikata li tillibera lill-erba appellati ghab-bazi ta' nuqqas komplet ta' provi.
>
> Illi l-istess konsiderazzjonijiet japplikaw ghall-akkuza dedotta kontra l-appellati taht l-artikolu 172 (1) tal-Kap.9 li tirrigwarda l-kaz ta' min jiffalsifika sigilli , timbri jew marki ohra li qeghdin sabiex jissigillaw , jittimbraw , jimmarkaw , jawtentikaw jew jiccertifikaw f'isem tal-Gvern jew tal-awtoritajiet tieghu dokumenti jew oggetti , sew jekk ta' proprjeta' pubblika jew privata , jew li jkunu qeghdin taht il-garanzija pubblika .
>
> Hawn irid jigi rilevat li dan ir-reat ma jirrigwardax il-falsifikazzjoni ta' dokument imma addirittura il-falsifikazzjoni tat-timbru , sigill jew marka ohra innifisha, cioe' ta' minn attwalment jiffabbrika it-timbru falz . Ma saritx il-prova li l-att materjali tal-falsifikazzjoni sar minn xi wiehed jew aktar mill-appellati w dan ir-reat ma setax jigi kommess u kunsmat minn persuna morali imma bil-fors ried jigi kommess minn persuna fizika .
>
> Ghalhekk lanqas hawn ma tiskatta xi prezunzjoni kontra l-appellati bhala Diretturi tas-socjetajiet kummercjali rispettivi , a bazi tal-Interpretation Act.
>
> Lanqas ma jirrizulta xi reat taht l-art. 172 (2) . Dan ghaliex ma giex pruvat li l-att materjali tal-uzu tas-sigill , timbru jew marka falsifikata , ovvjament billi dan gie applikat fuq l-entry forms inkriminati , sar minn xi wiehed jew aktar mill-appellati . F'dan il-kaz l-akkuza mhux wahda ta' uzu ta' dokument falsifikat izda ta' uzu ta' timbru falsifikat u l-"actus reus" f'dan il-kaz jikkonsisti proprju fl-eghmil tal-improbrju falz bl-uzu xjenti tat-timbru falsifikat , cioe' d-daqqa bit-timbru falsifikat fuq id-dokument li ser jigi falsifikat . Lanqas ma gie pruvat fil-konfront ta' xi wiehed jew aktar mill-appellati l-pussess tat-timbru falsifikat ghall-fini tat-tieni ipotesi delittwuza koperata bis-subinciz (2) tal-art. 172.
>
> Il-pozizzjoni pero' mhux l-istess ghal dak li jirrigwarda l-akkuza taht l-artikolu 169 li jirrigwardaw il-kaz ta' min xjentement jaghmel uzu minn dokumenti falsifikati ……[emfazi ta' din il-Qorti]

Fis-sentenza tal-istess qorti diversament preseduta, **Il-Pulizija vs Sydney Ellul Sullivan** intqal:[56]

---

[55] Per Onor. Imhallef Dr. Joseph Galea Debono; Deciza 20.03.2003, Appell Kriminali Numru. 80/2001/1

[56] Per Onor. Imhallef Dr. Geoffrey Valenzia; Deciza 15 ta' Lulju, 2004, Appell Kriminali Numru. 127/2002/1

> Illi għar-rigward tal-akkuzi kontemplati fl-artikoli 183, 184 , 172 u 308 tal-Kodici Kriminali kontenuti fin-nota tal-Avukat Generali , hawn japplikaw ir-regoli generali tal-grad tal-prova li l-ligi timponi fuq il-prosekuzzjoni bla ma tisposta l-oneru tal-prova fuq l-appellat ad distinzjoni tal-ligi tad-Dwana fejn japplika l-artikolu 77 kif gja rajna.
>
> L-artikolu 172 (1) tal-Kap.9 jirrigwarda l-kaz ta' min jiffalsifika sigilli , timbri jew marki ohra li qeghdin sabiex jissigillaw , jittimbraw , jimmarkaw, jawtentikaw jew jiccertifikaw f'isem tal-Gvern jew tal-awtoritajiet tieghu dokumenti jew oggetti , sew jekk ta' proprjeta' pubblika jew privata , jew li jkunu qeghdin taht il-garanzija pubblika .
>
> Hawn ghandu jigi rilevat li dan ir-reat ma jirrigwardax il-falsifikazzjoni ta' dokument imma l-falsifikazzjoni tat-timbru , sigill jew marka ohra innifisha, cioe' ta' minn attwalment jiffabbrika it-timbru falz . F'dan il-kaz ma saritx il-prova li l-att materjali tal-falsifikazzjoni sar mill-appellat.
>
> Lanqas ma jirrizulta xi reat taht l-art. 172 (2) billi ma giex pruvat li l-att materjali tal-uzu tas-sigill , timbru jew marka falsifikata gie applikat fuq l-entry forms inkriminati mill-appellat . F'dan il-kaz l-akkuza mhux wahda ta' uzu ta' dokument falsifikat izda ta' uzu ta' timbru falsifikat u l-"actus reus" f'dan il-kaz jikkonsisti proprju fl-uzu xjenti tat-timbru falsifikat.

Dan juri li kienet il-mankanza ta' provi li wasslet ghall-liberatorja tal-imputat/i in kwantu ghar-reat ai termini tal-Artikolu 172, fejn ma giex pruvat li, l-imputat jew xi wiehed minnhom f'dawk il-kazijiet, iffalsifika it-timbru innifsu, jew ghamel uzu mit-timbru, li ntuza fuq id-dokument li gie falsifikat.

Iktar minn hekk f'dawk is-sentenzi ma saret l-ebda konsiderazzjoni ghal dak li jipprovdi l-artikolu 176 tal-Kodici Kriminali:

> Fl-ewwel lok l-imputat gie akkuzat bir-reat ta' falsifikazzjoni ta' siġilli, timbri jew marki oħra tal-Gvern kif dispost fl-Artikolu 172 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi is-segwenti:-
>
> "Kull min, barra mill-każijiet imsemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, jiffalsifika siġilli, timbri jew marki oħra, li qegħdin sabiex jissiġillaw, jittimbraw, jimmarkaw, jawtentikaw jew jiċċertifikaw fl-isem tal-Gvern jew tal-awtoritajiet tiegħu, dokumenti jew oġġetti, sew jekk ta' proprjetà pubblika jew privata, jew li jkunu qegħdin taħt il-garanzija pubblika, jehel…."
>
> Dan l-artikolu tal-ligi ghandu jinqara flimkien mal-Artikolu 176 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:-
>
> "Hemm il-falsifikazzjoni fis-sens tal-artikoli 171 u 172, mhux biss meta ssir il-għodda falza jew meta din tiġi applikata, **iżda wkoll meta jsir użu falz tal-għodda vera**"[57] [emfazi ta' din il-Qorti]

Fil-kaz in dezamina, ma jibqa ebda dubbju li kien l-imputat Azzopardi li dahhal il-bodbod ta' sena ghall-hruq il-Wasteserve, b'tags li jappartjenu ghall-bod ta'

---

[57] **Il-Pulizija vs Emmanuel Fenech**; Deciza 10 ta' Dicembru, 2015 Per Onor. Magistrat Dr. Consuelo P. Scerri Herrera

4 snin u tmien xhur kif juri li fuq l-Aplikazzjoni ghall-Qatla[58], iffirmat minnu stess li jindika n-numru tat-tags bhala 0764505, u l-informazzjoni li hu stess taha lil Larkin Stafrace fis-sezzjoni B tad-dokument Consignment Document Animal By-Products ***"6. Number of Packages 0764505".***[59]

Stafrace ma jhalli l-ebda dubbju li hu mela l-formola skond id-dettalji li tah Azzopardi, *ergo* ma jifdalx dubbju li galadarba hu kkonferna li t-tags bin-numru 0764505[60] kienu fuq bodbod ta' kwazi hames snin li xtara aktar kmieni mal-jum, issa dan l-istess numru kien fuq bodbod differenti li ha ghall-hruq:

Dwar id-dokumenti pprezentati minnu jghid li *"dan nikrejah jiena, dan jiena naghmlu….Issa l-klijent dak jigi hdejja fejn it-tieqa biex nikreja dan id-dokument, issa hu jaghtini l-permessi tieghu li jkun ser jarmi l-annimali, issa jiena li naghmel indahhalu n-number plate, d-dettalji tieghu, min hu l-klijent, itini l-affarijiet kollha, d-dettalji tieghu, c-comba, niktiblu l-permess u nohodlu l-weight tieghu…..**ic-comba teghu, n-numru tac-comba li jaghtini hu…** [Prosekuzzjoni: Jigifieri n-numru tac-comba jaghtihulek hu] **Dak hu jaghtihuli**."*[61]

Issa l-**Professur Sir Anthony Mamo** jghallem[62] li

> In the case of the counterfeiting of any other seal, stamp, or other mark used for sealing, stamping or marking in the name of the Government or of any of the authorities thereof documents or effects which are public property or are under the public guarantee, the punishment is hard labour from thirteen months to three years with or without solitary confinement.
>
> For the purpose of these crimes Section 184 provides that there shall be forgery not only if the false instrument is made or affixed but also **if the genuine instrument is fraudulently affixed**……
>
> These crimes correspond to those dealt with in Section 5 of the Forgery Act, 1913, of the United Kingdom. Section 18 of that Act defines the meaning of "seal" as including any stamp or impression of a seal or any stamp or impression made or apparently intended to resemble the stamp or impression of a seal, as well as the seal itself. The expression "stamp" is defined as including a stamp impressed by means of a dye as well as an adhesive stamp; and the expression "dye" as including any plate, type, tool or implement, and any stamp or impression thereof or any part of such stamp or impression.
>
> In regard to these crimes, it is to be noted that – apart from the case of the affixing of the genuine instrument fraudulently obtained – the forgery can be committed only by counterfeiting…. The hypothesis of altering is not contemplated and the reason is clear.

[58] **Dok.GM** a fol.124
[59] **Dok.LS** a fol.101
[60] **Dok.GM** a fol.124
[61] Fol.96-98
[62] Notes on Criminal Law Vol II. pagna 269.

> A stamp, seal or mark which is materially altered and which thus ceases to be what it originally was, cannot deceive and serve for any use likely to be prejudicial to the interests of the State or the public authorities, or the public. It would therefore be but a useless instrument in the hands of the would be forgerer…..
>
> But, as already stated, **the affixing of the genuine instrument fraudulently obtained, is also considered forgery** for the purposes of those sections. "Fraudulently" here signifies, by means of theft, <u>fraud or some artifice or device</u>. (Arabia, op.cit., p.145).
> [emfazi u sottolinejar ta' din il-Qorti]

Duncan Chetcuti Ganado, Joseph Zammit kif ukoll Dottoressa Marino lkoll xehdu li t-tags <u>jappartjenu lid-dipartiment veterinarju</u> li hu nkarigat johroghom, iwahhalhom u jnehhihom. Dawn it-tags li gew tampered instabu fuq bodbod ta' sena mentri kienu registrati fuq bodbod ta' kwazi hames snin.

Ghalhekk bl-applikazzjoni tal-Artikolu 176 tal-Kodici Kriminali u kif jghallem il Mamo, ir-reat jikkonfigura xorta wahda bl-uzu falz ta' ghodda vera f'dan il-kaz tac-comba /*tags* mahruga mid-dipartiment veterinarju li mhemmx dubbju li kienu awtentici izda sar uzu falz minnhom mill-imputat.

Ghaldaqstant anke din it-tieni imputazzjoni giet soddisfacentement ippruvata.

<u>L-imputazzjonijiet 3 sa 5 dwar Mohqrija tal-Annimali</u>

Ghalkemm ghall-ewwel din il-Qorti kienet propensa taqbel li ma ngabux provi dwar kif miet il-bodbod biex b'hekk dawn l-imputazzjonijiet setghu ma kienux pruvati sal-grad mistenni, meta il-Qorti kkunisdrat f'dettal dak li xehed l-ufficjal veterinarju Zammit, irrizulta li **kien l-imputat Azzopardi stess li taha dettalji dwar kif mietlu l-bodbod.**

Filfatt din hi l-unika prova li ngabet biex tissostanzja dawn l-imputazzjonijiet u cioe` id-dikjarazzjoni maghmula minn Azzopardi ma ufficjali tad-Direttorat ghar-Regolazzjoni Veterinarja nhar l-4 ta' Frar, 2020, fejn dan **stqarr li hu kien rabat il-bodbod fil-van u waqt li dan kien qed jitnizzel Malta, tghallaq**.

Tali dikjarazzjoni tammonta ghal dik maghrufa bhala '*extra judicial confession*' li tigi spjegata kif gej mill-**Professur Anthony J. Mamo**:[63]

> "Extrajudicial Confessions are those were the defendant either expressly confesses his guilt or makes admission of facts from which his guilt may be implied, under any circumstances other than those described in respect of judicial confessions. They may be in writing or oral.

[63] Notes on Criminal Procedure.

So that a confession may be received in evidence against the person who made it the law (sec.654) requires that it shall appear that such confession was made voluntarily and was not extorted or obtained by means of threats or intimidation, or of any promise or suggestion of favour. There is no presumption in law that a confession not free and voluntary is false; it is excluded on the ground that improper threats or promises may influence an accused or suspected person to say what is not true, and therefore a confession made in such circumstances cannot be safely acted upon.

It is obviously right that a person knowing his guilt should, if he so wishes, confess at the earliest opportunity, and there is no reason why he should be discouraged from so doing. But the law requires that the confession shall have been made voluntarily and, in the practice of our courts, the prosecution must give affirmative 'prima facie' evidence that it was so made. The law says 'voluntarily' and not 'spontaneously'……"[64]

L-artikolu 658 tal-Kodici Kriminali jipprovdi:

**658.** Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, kemm bil-miktub, b'mezzi awdjoviżwali jew b'mezzi oħra, tista' tittieħed bi prova kontra jew favur min, skont kif ikun il-każ, ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni giet maghmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.

Mamo ikompli-

"A free and voluntary confession of guilt by a defendant in other cases, if it is direct and positive, and is duly made and satisfactorily proved and believed, is sufficient to warrant a conviction, without any corroborative evidence.[65]

**Wills** (Circumstantial Evidence 6th edition p.118) writes: "Of the credit and effect due to a confessional statement the jury are the sole judges: they must consider the whole confession, together with all the other evidence of the case, and if it is inconsistent, improbable or incredible, or is contradicted or discredited by other evidence, or is the emanation of a weak or excited mind, they may exercise their discretion in rejecting it, either wholly or in part, whether the rejected part makes for or against the prisoner".[66]

Ma jezisti ebda element simili li jimmilita kontra l-ammisibilita` tad-dikjarazzjoni maghmula volontarjament minn Azzopardi nhar l-4 ta' Frar, 2020.

Iktar u iktar meta jigi kkunisdrat li qabel ma gie mitkellem mill-ufficjali tad-dipartiment veterinarju dan inghata l-fakolta` li jiehu mieghu avukat, izda kif jixhed Zammit *"jiena tajtu d-dritta tal-Avukat, ghidtlu isma inti qieghed hawnhekk, ahna qeghdin ninvestigaw dan il-kaz, jekk trid iġib l-avukat ghidtlu tista iġġibu qalli le ma ghandiex bzonnu [**Qorti:** Qallek ma ghandiex bżonn avukat?] Iva".*[67]

[64] P.100
[65] P.105
[66] Ibid.
[67] Fol.34

Ghalhekk x'valur probatorju ghandu jinghata li din id-dikjarzzjoni?

Issir riferenza ghas-sentenza fuq eccezzjoni preliminari fuq l-Att t'Akkuza fl-ismijiet **Ir-Repubbblika ta' Malta vs Rio Micallef et**:[68]

Illi din il-Qorti, kif ippresjeduta, kellha diga okkazzjoni tesprimi ruhha fuq dan il-punt ta' dritt fejn allura fid-dawl tal-linja gwida moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kienet tal-fehma illi tali stqarrijiet rilaxxjati mill-persuna akkuzata minghajr ma din kellha l-okkazzjoni li tikseb l-assistenza minn ghand l-avukat tal-fiducja taghha ma kellhiex valur probatorju billi jkun ferm perikoluz ghal Qorti li tistrieh fuqha sabiex issib xi htija fil-persuna akkuzata li tkun inkriminat ruhha minghajr ma kellha difiza adegwata u allura ikun hemm ir-riskju ta' lezjoni tad-dritt taghha ghal smiegh xieraq[69].

Illi din kienet ukoll il-fehma tal-Qorti ta'l-Appell Kriminali (sede Superjuri):

*"While the statement in question of the accused has not been shown to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement as laid down in article 658 of the Criminal Code, nevertheless, for the reasons stated above, the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement[70]."*

Illum il-legislatur irregola din il-kwistjoni darba ghal dejjem, ukoll sabiex jigi in linja mal-ligi komunitarja fir-rigward, u dan meta bl-Att LI tal-2016 sehhet it-traspozizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta'Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li terza persuna tkun infurmata dwar it-tiċħid ta' libertà u li persuna tikkomunika ma' terzi persuni u mal-awtoritajiet konsulari waqt li tkun imċaħħda mil-libertà, ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fis-6 ta' Novembru 2013 (L 294/I).

Illi ghalhekk l-ligi kif illum emendata tirrifletti din is-salvagwardja u ukoll hija in linja mad-dritt ewropew kif inghad. Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax tinjora mhux biss principju ormai stabbilit mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem illi id-dritt ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghandu japplika mhux biss tul l-*iter* tal-proceduri penali fil-qorti, izda ukoll ghal hekk imsejjah ***pre-trial stage*** **u cioe' ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u ser tigi interrogata**, izda trid tara illi timxi in konformita tal-ligi mhux biss ewropeja izda ukoll lokali li illum tirregola din il-materja. [emfazi tal-Qorti]

……..Issa xi ighidu dawn id-decizjoni recenti[71] moghtija mill-Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem?

"**Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence**

---

[68] Moghtija 24.04.2017; Att t'Akkuza Nru 14/2013 per Onor. Imhallef Dr Edwina Grima.

[69] Ara **Il-Pulizija vs Joseph Camilleri** – 25/02/2016;

[70] **The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor** deciza 1/12/2016

[71] **Mario Borg vs Malta** 37537/13 12/01/2016

**of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies.**

**The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the <u>first interrogation of a suspect by the police</u>, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6."**

………Maghdud dan allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma'l-artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat <u>fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija,</u> sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma ikunx hemm disposizzjoni *ad hoc* li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li isehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq anke f'dawk il-kazijiet estremi fejn ma ikun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet. Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Navone vs Monaco, nstab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza ta'l-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kenitx tippermettieha. (ara ukoll Yesilkaya vs Turkey – 59780/00 08/12/2009, Fazli Kaya vs Turkey – 24820/05 17/09/2015).....

Esposti kwindi dawn il-linji gwida gurisprudenzjali u id-dritt illum vigenti fir-rigward li issa jinsab konformi mad-dritt komunitarju kif inghad, din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi kwalunkwe dikjarazzjoni li setghu ghamlu l-akkuzati u kull stqarrija rilaxxjata minnhom <u>lill-pulizija</u> mill-<u>mument ta'l-arrest</u> taghhom hija lesiva tad-dritt fondamentali taghhom jekk dawn inghataw minghajr ma huma kellhom assistenza legali. Illi l-Qorti ma tistax taghmel distinzjoni bejn l-akkuzati ghaliex xi uhud minnhom setghu ma ressqux formalment eccezzjoni rigward kull dikjarazzjoni li ghamlu lill-pulizija ghaliex gjaldarba din il-Qorti issib li jista jkun hemm vjolazzjoni ghad-dritt tas-smigh xieraq dan jezisti ergo omnes u ma huwiex partikolari ghal xi akkuzat minnhom biss. Mhux biss izda it-tifsira moghtija mill-ligi vigenti illum tal-frazi 'proceduri kriminali' tinkludi 'l-investigazzjonijiet tal-pulizija', li allura ifisser illi dan il-mument jiskatta hekk kif jitniehdu dawn l-investigazzjonijiet li certament allura ifisser mal-mument ta'l-arrest. (ara artikoolu 534A Kodici Kriminali). Kwindi hekk kif gew arrestati l-akkuzati li f'dak il-mument kienu ghadhom biss suspettati huma kellhom jinghataw it-twissija, kif del resto jidher li gew moghtija, izda din kienet dik it-twissija li kienet tinghata skont il-ligi vigenti dak iz-zmien li allura ma kenitx tikkomprendi il-jedd ghal parir u assistenza legali. Fil-fatt il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem testendi it-tifsira ta' "criminal charge" mill-mument illi persuna tkun ser tigi affetwata minn xi att investigattiv tal-pulizija.(ara Alexander Zaichenko vs Russia – 18/02/2010):

> "***The Court reiterates that in criminal matters, Article 6 of the Convention comes into play as soon as the peson is"charged"; this may occur on a date prior to the case coming before the trial court, such as the date of arrest, the date when the person concerned was officially notified that he would be prosecuted or <u>the date when the preliminary investigations were opened</u>. 'Charge' for the purposes of article 6(1) may be defined as the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence" a definition that also corresponds to the test whether the situation of the person has been substantially affected."***
>
> Dan ghaliex l-istadju tal-investigazzjonijiet fil-gurisprudenza ewropeja jassumi importanza fl-ambitu tal-proceduri penali billi is-smigh xieraq tal-persuna li qed tiffaccja dawn il-proceduri jista jigi mittiefes minn kwalunkwe att investigattiv jekk il-persuna investigata ma tkunx giet moghtija il-jeddijiet skont il-Konvenzjoni, b'mod partikolari allura il-jedd ghall-assistenza legali li ghandu jigi applikat mill-bidunett. Fil-fatt fid-decizjoni Dayanan hawn fuq iccitata l-jedd ghall-assistenza legali ghandu jitwieled **mal-mument ta'l-arrest** irrispettivament minn kwalunkwe interrogazzjoni.

Tenut kont tal-fatt li d-dikjarazzjoni maghmula minn Azzopardi ma saritx lill-Pulizija, fil-mument li din saret Azzopardi ma kienx taht arrest jew f'kustodja u ghalhekk ferm qabel ma skatta il-*pre-trial stage*, maghdud mal-fatt li hu stess ghalkemm mistiedem igib avukat mieghu, ma hax dik l-opportunita`, <u>id-dikjarazzjoni maghmulha minn Azzopardi lill-ufficjali mid-dipartiment veterinarju li l-bodbod li kien qed jittrasporta marbut kien tghallaq, hi wahda ammissibli</u>.

Il-fatt li animal intrabat b'mod li seta', kif gara, jitghallaq, taghti lok ghall-dwejjaq bla bzonn ghall-istess annimal. *Multo magis* kkunsidrat li dan thalla jitghallaq, iwassal lil Qorti tiddetermina li dan kkawza tbghatija w sofferenza bla bzonn ghall-annimal, xhieda ta' kemm l-imputat, li kien responsabbli mit-trattament xieraq tal-annimal fil-kustodja tieghu, naqas minn dmirijietu. Daqstant iehor ghalhekk gie soddisfacentement ippruvat li Azzopardi ma hax dawk il-passi ragonevoli w lanqas uza prattici tajba biex jigu zgurati l- htiegijiet, is-sahha w l-benessere tal-annimal li kellu taht ir-responsabbilita` tieghu.

Ghaldaqstant tenut kont tad-dikjarrazzjoni maghmula mal-ufficjali veterinarji minn Azzopardi, dawn l-imputazzjonijiet gew ampjament ippruvati.

<u>Addebitu tar-Recidiva</u>

Rigward l-addebitu tar-recidiva, s-sentenza esebita datata it-23 t'April, 2015, turi li l-imputat kien inghata *conditional discharge* ghal tlett snin, u ghalhekk certament ma jistax jinsab hati tal-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali.

Il-Piena

Gie kkunsidrat li fir-rigward tat-tielet, ir-raba u l-hames imputazzjoni, japplika l-principju tal-konkors formali ta' reati, fejn fil-kaz in dezamina l-piena tkun l-istess wahda kif ravvizata bl-artikolu 45(1)(a) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta.

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qiset in-natura tar-reati li qed tinstab htija dwarhom, tal-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li mhux xi *first time offender.* Fil-fatt jirrizulta li l-imputat instab hati kemm-il darba t'akkuzi varji li juru l-menefregizju mal-imputat għal-ligijiet ta' dan il-pajjiz u d-drittijiet ta' persuni oħra. Jittiehed kont ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz fosthom li dan ma kienx xi kaz ta' ghemil krudili intenzjonat.

Ghal dawn il-mottivi din il-Qorti filwaqt li qed tillibera lill-imputat mill-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali, wara li rat l-artikoli 17, 31, 172, 176 tal-Kodici Kriminali, l-artikoli 35(1)(c)(iii) u 57(1) tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, Kapitolu 437 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 8(2)(3)(4) u 45(1)(a) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha u tikkundannah ghal 20 xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal sentejn millum u multa ta' €1,000.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Magistrat**